MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 163/2002/1

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone, bħala mandatarju speċjali**
**tas-soċjeta` estera *PLES di Mazza Giorgio s.n.c.*,**
**ta’ Ragusa, l-Italja.**

**v.**

**Nicola Romano.**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta` attrici fil-11 ta’ Frar 2002 li taqra hekk:

“Premess illi bi skrittura privata datata tlieta u għoxrin (23) ta’ Awwissu tal-elf disa’ mija tmienja u disgħin (1998) is-soċjeta` rappresentata mill-attur nomine daħlet f’kuntratt mal-konvenut (Dok. “A”) li permezz tiegħu (*inter alia*) il-konvenut intrabat li jlaħħaq fatturat nett annwu ta’ mija u ħamsin miljun lira Taljana (LIT.150,000,000) bħala penali [ara klawsola numru tlieta (3)], u fin-nuqqas, ihallas lis-socjeta` rappresentata mill-attur nomine s-somma ta’ hamsin miljun lira Tljana (LIT.50,000,00) bhala penali [ara klawsola numru ħdax (11)];

“Premess illi l-konvenut naqas milli jonora l-obbligi tiegħu stante li sat-tlieta u għoxrin (23) ta’ Awissu ta’ l-elf disa’ mija disgħa u disgħin (1999) ma laħaqx fatturat annwu ta’ mija u ħamsin miljun lira Taljana (LIT. 150,000,000) skond kif pattwit;

“Premess illi għalkemm interpellat permezz ta’ ittra nterpellatorja tat-tlieta (3) ta’ April ta’ l-elfejn (2000) (Dok. “B”) kif ukoll ittra uffiċjali tat-tlettax (13) ta’ Ġunju ta’ l-elfejn u wieħed (2001) (Dok. “C”) debitament innotifikata lilu, il-konvenut xorta waħda baqa’ inadempjenti;

“Ighid għalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet hawn fuq premessi m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“(1) tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-attur nomine l-ekwivalenti f’munita Maltija fid-data ta’ presentazzjoni ta’ dan l-att ta’ ċitazzjoni, tas-somma ta’ ħamsin miljun lira Taljana (LIT. 50,000,000), li skond ir-rata odjerna ta’ erbat elef tmien mija u ħamsa u erbgħin punt sebgħa wieħed tnejn ħamsa liri Taljani (LIT. 4845.7125) pagabbli għal kull Lira Maltija (Lm1.00,0), jammonta għal għaxart elef tliet mija u tmintax-il Lira u erbgħin ċenteżmu (Lm10,318.40,0), u dan bħala l-penali pagabbli skond l-iskrittura privata datata tlieta u għoxrin (23) ta’ Awissu ta’ l-elf disa’ mija tmienja u disgħin (1998).

“Bl-ispejjeż kollha, kompriżi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tat-tlieta (3) ta’ April, 2000, kif ukoll ta’ l-ittra uffiċjali tat-tlettax (13) ta’ Ġunju, 2001, flimkien ma’ l-imgħaxijiet

legali, ilkoll sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa nġunt in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol. 42) li in forza taghha ecepixxa:
“1. Illi t-talbiet ta’ l-attur nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu peress illi l-kuntratt kien skada, u fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għall-premess peress illi l-konsenja ta’ l-ordnijiet ma kinitx qed issir fit-termini previsti, il-prezzijiet miftiehma ma ġewx rispettati, u l-materjal mibgħut kien skadenti u dana kif għandu jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

“2. Illi assolutament bla preġudizzju għas-suespost il-penali mitluba għandha tiġi ridotta skond it-twettiq parzjali ta’ l-obbligazzjoni mill-eċċipjent.

“3. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Frar, 2007, li in forza ddecidiet il-kawza:
“... ... ... billi tikkundanna lill-istess konvenut tħallas lill-attur nomine s-somma ta’ sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) bl-imgħaxijiet kif mitluba jiddekorru mit-18 ta’ Ġunju, 2001. L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal terz mill-attur nomine u żewġ terzi mill-konvenut.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi l-attur nomine qed jitlob illi l-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma miftehma bħala klawsola penali fil-kuntratt ta’ bejniethom u esebit maċ-ċitazzjoni. Din il-penali kellha titħallas f’każ li l-konvenut ma jlaħħaqx fatturat ta’ mija u ħamsin miljun Lira Taljana (150,000,000) sa sena wara li ġie ffirmat il-kuntratt. Il-konvenut qed jeċċepixxi li l-materjal li kien qed jixtri ma kienx skond il-ftehim u kwindi *ex admissis* huwa waqaf jixtri u permezz ta’ *fax* kien informa lis-soċjeta` attriċi li kien qed jittermina l-kuntratt b’effett minn Diċembru 1999.

"Għalhekk jirriżulta li sakemm il-konvenut kien baqa' jixtri mingħandha, is-soċjeta` attriċi ma tantx inkwitat li sa Awissu 1999 huwa ma kienx laħaq l-ammont miftieħem; kien wara Diċembru 1999 li huma bdew jitolbuh il-ħlas tal-penali.

"Fil-fehma tal-Qorti l-kwistjoni prinċipali li trid tiġi deċiża qabel ma tkompli tiddelibera dwar din il-kawża hija jekk il-konvenut setgħax fil-każ in eżami tipproponi *per via di eccezione* il-fatt li skond hu, il-merkanzija in kwistjoni ma kinitx tal-kwalita' pattwita u allura l-kuntratt kien terminat. L-ewwel nett il-punt jekk konvenut jistax jipproponi vizzju fil-kuntratt jew li l-kuntratt ma baqax jiswa' kif qed isir f'din il-kawża, ġie deliberat bosta drabi u fil-maġġoranza tal-każijiet il-Qrati tagħna ddeċiedew illi dan jista' jsir biss fejn il-kuntratt in kwistjoni huwa null mill-bidu u mhux meta jkun annullabbli – iżda opinjonijiet riċenti ma jaqblux, ara s-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Dr Hugh Peralta nomine vs Credininvest Limited deċiża fit-30 ta' Jannar, 2004 fejn ġiet ċitata s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell mogħtija fl-1997 fl-ismijiet George Borg vs Ronald Camilleri fejn intqal illi a bażi ta' l-Artiklu 1226 tal-Kodiċi Ċivili kull ma jista' jiġi propost b'azzjoni jista' jiġi propost b'eċċezzjoni.

"Fil-każ in eżami pero` hemm problema oħra għall konvenut billi huwa mhux qed jipproponi n-nullita' tal-kuntratt iżda li dan kien effetivament skada billi l-atturi naqsu li jibgħatu l-merċi fiż-żmien stipulat, intalbu prezzijiet ogħla u l-materjal mibgħut kien skadenti. Madankollu huwa ma għamel ebda talba għal danni għalkemm ikkumenta b'dan il-mod fl-ittra responsiva tiegħu lill-attur qabel ma bdiet il-kawża; fil-fatt ġie deċiż mill-Qrati tagħna illi x-xerrej ma jistax jitlob danni jekk ma jitlobx ir-rexxisjoni tal-kuntratt jew bħala prezz imnaqqas fl-*azzjoni redhibitoria* (li m'humiex eżattament danni) – ara s-sentenza riċenti ta' din il-Qorti fil-kawża L'Onda Limited vs Ocean Way Company Limited fejn ġiet ċitata s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell mogħtija fl-1940 fl-ismjiet Raffaele Barbara vs Tommaso Vella fejn intqal illi "*Id-danni f'każ ta' bejgħ jistgħu jintalbu biss bħala*

*konsegwenenza ta' l-azzjoni redhibitoria jew aestimatoria.*"

"Madankollu mill-provi mressqa l-konvenut aċċetta l-materjal provdut minnu u ma ddepositahomx il-Qorti – ara kontro-eżami tiegħu stess quddiem il-Qorti. Huwa assodat fil-ġurisprudenza tagħna li wieħed ma jistax jimpunja b'xi mod kuntratt ta' bejgħ jekk huwa jżomm l-oġġett mibjugħ. Fil-kawża deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Borg vs Xuereb (25 ta' Jannar, 1989) intqal li "*xerrej jista' jxolji l-kuntratt jekk l-oġġett mhux skond il-bejgħ pero` ma jistax jitlob dan id-dritt meta jaċċetta l-konsenja u wara li jsir jaf bid-difett iżomm il-ħaġa.*" Oltre dan huwa ma jirriżultax li qatt illamenta ma' l-atturi dwar il-kwalita' ta' merkanzija li kien qed jircievi sakemm intemm il-kuntratt. Għalhekk l-eċċezzjoni tiegħu f'dan is-sens ma tistax tintlaqa'. Il-kuntratt għalhekk kien għadu veljanti sakemm hu ma tterminahx u allura baqa' responsabbli għal dak li ġara sakemm kien għadu fis-seħħ.

"Jibqa' allura l-kwistjoni jekk l-attur nomine huwiex ġustifikat jitlob il-penali skond il-kuntratt. Dan jgħid illi "*Sia il fornitore che il distributore esclusivo sono d'accordo nella stretta osservanza di tutte le clausole elencate pena la rescisssione del contratto stesso ed il pagamento di una penale pre determinata in lire cinquanta (50) milioni in Lire Italiane. Si sottolinea che questa penale sara' dovuta principalmente ma non esclusivamente nel caso che il fornitore faccia forniture direttamente o indirettamente escludendo il distributore esclusivo al di fuori delle cluasole sopra elencate. Dall'altra parte il distributore esclusivo dovra pagare detta penale nel caso che non raggiungera il fatturato di lit cento e cinquanta (150) milioni o nella inosservanza delle condizioni di pagamento.*"

"L-attur nomine qed jallega allura li l-konvenut ma laħaqx il-fattura indikata fi żmien sena kif indika fit-tielet klawsola tal-kuntratt li kellu jkollu durata ta' sena pero` ikun prorogabbli awtomatikament sakemm xi parti ma titterminahx permezz ta' ittra reġistrata (L-ewwel klawsola). Dwar dan ma hemmx kontestazzjoni. Infatti

skond id-dokumenti esebiti a fol 67 il-konvenut laħaq xtara b'kemm jiswew kważi sebgħa u ħamsin (57,000,000) miljun Lira Taljan ta' merkanzija minn Otubru 1998 sa Diċembru 1999.

"*Il-klawsola penali hija dik li biha wieħed, sabiex jiżgura l-esekuzzjoni ta' ftehim, jobbliga ruħu għal xi ħaġa fil-każ li jonqos li jesegwih (Artiklu 1118 tal-Kodiċi Ċivili) u l-penali hija l-kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas ta' l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni prinċipali (Art. 1120) u jista' jintalab apparti d-danni reali meta l-penali tkun għad-dewmien biss.* (Joseph Cini vs Carmelo Borg – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – 9 ta' Marzu, 1989). Kif lealment issottometta l-attur nomine pero`, il-Qorti tista *ai termini* ta' l-Artiklu 1122 tal-Kodiċi msemmi, tnaqqas din il-penali *jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni u l-kreditur ikun aċċetta dik il-parti esegwita jew jekk id-debitur ikun esegwizza parti mill-obbligazzjoni u l-parti hekk esegwita tkun biċ-ċar tiswa' lill-kreditur* (f'dan il-każ ta' l-aħħar pero` t-tnaqqas ma jistax isir jekk id-debitur ikun irrinunzja espressament għat-tnaqqis jew il-penali tkun biss għad-dewmien – u l-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi jikkonkorru hawnhekk).

"Din il-Qorti kif preseduta ġia' kellha okkażjoni tirrimarka li dan it-tnaqqas kontemplat mill-Kodiċi huwa kjarament intiż biex ma tinħoloqx inġustizzja lampanti fil-każ li d-debitur ikun naqas li jesegwixxi parti minn obligazzjoni u dan għaliex il-klawsola penali (ħlief f'każ ta' dewmien kif ġia' ingħad) hija intiża biex tagħmel tajjeb minn qabel għad-danni kollha li jista' jsofri l-kreditur f'każ li l-parti l-oħra tonqos għal kollox milli tesegwixxi l-obligazzjoni tagħha. F'dan il-każ kien ġie esegwit ċirka terz tal-materjal li kellu jiġi ordnat u s-soċjeta` attriċi ma lmentatx minn dan mill-ewwel iżda biss meta l-konvenut ittermina l-kuntratt; allura l-Qorti tħoss li jkun ewku li l-konvenut jiġi tenut iħallas is-somma ta' sitt elef Lira Maltin."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:
"thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fit-28 ta' Frar 2007, fil-kawza fl-ismijiet

premessi, u dana billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant, u tichad it-talba tal-attur nomine appellat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine appellat."

Rat ir-risposta tal-attur nomine tal-10 ta' April 2007 li in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talab li din il-Qorti joghgobha tiddikjara illi s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma, u ghalhekk ghandha tichad l-appell bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Lulju 2009;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawza s-socjeta` attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ekwivalenti tas-somma ta' LIT50,000,000 bhala penali skond klawsola 3 ta' ftehim (intestat "Scrittura Commerciale di Esclusiva") iffirmat mill-partijiet fit-23 ta' Awwissu, 1998. Bis-sahha ta' dan il-ftehim il-konvenut inghata agenzija esklussiva biex jikkommerca f'Malta prodotti tas-socjeta` attrici konsistenti fi "stucchi decorativi in gesso, lastre in gesso, bordure cornice, colonne, capitelli, archi e balaustre". Fi klawsola tlieta tal-ftehim, gie patwit li "la validita` di questo accordo commerciale e` basato sulla garanzia che il distributore esclusivo (il-konvenut) si impegna e per un fatturato annuo al netto di sconti lit. 150.000,000. Si chiarisce che tale cifra sara` basata su tutta la merce di catalogo gia scontata". Fl-ahhar klawsola tal-iskrittura nsibu li l-konvenut obbliga ruhu "nella stretta osservanza di tutte le clausole elencate" u dan taht piena ta' thassir tal-kuntratt u penali ta' LIT.50,000,000. Jinghad ukoll b'mod espress li l-konvenut ghandu jhallas din il-penali "nel caso che non ragguingera` il fatturato di lit.150,000,000".

Is-socjeta` attrici qed tallega li sa mill-ewwel sena tal-ftehim, il-konvenut naqas li jirrispetta l-obbligi minnu

assunti billi jlahhaq fatturat nett ta' LIT150,000,00, u ghalhekk, talbet il-hlas tal-penali patwita.

Il-konvenut iddefenda ruhu billi sostna li l-kuntratt kien skada u li, f'kull kaz, is-socjeta` attrici naqset mill-obbligi taghha peress li l-konsenja tal-ordnijiet kienet issir tard, il-prezzijiet miftiehma ma gewx rispettati, u l-materjal mibghut kien "skadenti".

L-ewwel Qorti laqghet it-talba tas-socjeta` attrici wara li rat li saret il-prova ta' nuqqas ta' ordni sal-valur indikat fil-ftehim, u wara li skartat l-ilmenti tal-konvenut, peress li, skond hi, dawk l-ilmenti jistghu jwasslu ghal talba ta' danni li, fil-kuntest ta' bejgh, jistghu jintalbu biss bhala konsegwenza tal-azzjonijiet in garanzija tan-nuqqas ta' difetti latenti.

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u ressaq principalment zewg aggravji: (i) li s-socjeta` attrici irrinunzjat ghall-hlas tal-penali meta, wara li ghaddiet l-ewwel sena, baqghet taccetta ordnijiet minghandu u tircievi l-hlas relattiv minghajr rizerva; u (ii) li l-ilmenti tal-konvenut kellhom jigu ezaminati peress li din mhix kawza ghall-prezz tal-oggetti mibjugha u lanqas ma hi relatata mal-fornituri, izda intiza ghall-enforzar ta' klawsola penali fi ftehim ta' agenzija esklussiva.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tara li ma giex muri li s-socjeta` attrici irrinunzjat ghall-hlas tal-penali. Ir-rinunzji jridu jirrizultaw b'mod car u inekwivoku (**Abdilla et. v. Crockford et** deciza minn din il-Qorti fis-26 ta' Gunju, 2009), u ghalkemm tista' tkun implicita, irid jirrizulta agir li huwa inkompattibli mal-konservazzjoni tad-dritt. Rinunzja tacita ghandha tigi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi desunta, ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Kif gie osservat minn din il-Qorti fil-kawza **Galizia noe v. Cassar Torreggiani et**, deciza fil-11 ta' Dicembru, 1933, "*E` necessario quindi come condizione indispensabile della rinuncia che detti atti siano univoci, di guisa che non si possa parlare di rinuncia quando anche*

*vi fosse dubbio ragionevole sull'animo della persona che si pretende abbia rinunciato ad un suo diritto*".

F'dan il-kaz ma jirrizultax li s-socjeta` attrici riedet tirrinunzja ghall-hlas tal-penali. Il-ftehim kellu validita` ghal sena, li, pero`, kien jiggedded awtomatikament minn sena ghall-ohra, sakemm xi parti ma tibghatx ittra lill-parti l-ohra tlett xhur qabel l-iskadenza li riedet tittermina l-kuntratt. Avolja fl-ewwel sena il-konvenut ma kienx lahaq ghamel ordnijiet sal-valur miftiehem, is-socjeta` attrici ma hassitx li kellha twaqqaf ir-relazzjoni kummercjali li kellha mal-konvenut, la darba l-konvenut deher lest ikompli jinnegozja maghha. Is-socjeta` attrici accettat li tinnegozja mal-konvenut ghal sena ohra, pero`, b'hekk ma jfissirx li rrinunzjat ghall-hlas tal-penali minhabba ksur ta' klawsola 3 matul l-ewwel sena. Ir-rinunzji tant iridu jirrizultaw b'mod car li, per ezempju, kreditur ta' obbligazzjoni bejn debituri *in solidum*, ma jitlifx il-jedd tieghu tal-azzjoni *in solidum* kontra d-debituri jekk jaghti l-kunsens tieghu ghall-qsim tad-dejn favur ta' wiehed mid-debituri, jew jircievi bicca mid-dejn minghand wiehed jew izjed mid-debituri *in solidum* (Artikoli 1104 u 1105 tal-Kodici Civili). Mill-fatt li s-socjeta` attrici accettat ordnijiet godda, ikkonsenjat il-materjal ordnat u rceviet il-hlas relattiv, bl-ebda mod ma jista' jinftiehem li s-socjeta` attrici riedet iccedi d-dritt taghha li titlob il-hlas tal-penali kif patwita.

Trattat it-tieni aggravju, din il-Qorti tara li, fil-principju, il-konvenut ghandu ragun, ghax din il-kawza mhux marbuta mal-bejgh tal-oggetti infushom, izda man-nuqqas tal-konvenut li jesegwixxi l-obbligazzjoni tieghu naxxenti mil-ftehim ta' Awwissu 1998. Hu qed iressaq l-eccezzjoni *inadempleti contractus*. A propozitu ta' din l-eccezzjoni, din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawza **Gauci Borda v. Borda**, deciza fis-7 ta' Novembru, 2008, ghamlet dawn l-osservazzjonijiet:

"*Ghal dawk li huma konsiderazzjonijiet tad-dritt hu rikonoxxut illi l-exceptio inadempleti jew, kif maghrufa ukoll, l-"exceptio non rite adempleti contractus", ghalkemm mhix espressament kodifikata fil-Kodici Civili*

*taghna bhal ma hi invece f'dak Taljan (Artikolu 1460), eppure "dik l-eccezzjoni hija bazata fuq il-principju generali tad-dritt, fuq l-ekwita` u fuq l-istess diposizzjoni li tirrigwarda l-patt kommissorju tacitu. Hija bazata fuq il-principju tad-Dritt Ruman 'frustra sibi fidem serbare adeo quis postulat qui fidem a se praestatem servare recusat'." ("**Dr. Sir Ugo P. Mifsud nomine -vs- Guido Abela nomine**", Appell Kummercjali, 28 ta' Ottubru, 1935). Forsi b'aktar kjarezza jinsab ritenut illi "din l-eccezzjoni hi poter moghti lil kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' certi cirkostanzi, hu jista' jastjeni ruhu milli jadempixxi l-prestazzjoni tieghu. B'dik l-eccezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja in kwantu li, minhabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess ezegwixxa l-obbligazzjoni tieghu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni. Id-dritt ghal kontroprestazzjoni jibqa' ezistenti, imma jkun sospiz minhabba l-inadempiment ta' l-istess attur" ("**Emmanuele Aquilina -vs- Salvatore Aquilina et**", Appell Kummercjali, 12 ta' Marzu, 1965). Ghall-kompletezza jrid jinghad illi gja qabel din is-sentenza kien osservat illi "il-principju 'inademplendi non est ademplendum' huwa bazat fuq ir-raguni guridika illi jekk wiehed huwa inadempjenti u jivvjola l-obbligi tieghu di fronti ghal kontraent l-iehor, ikun immorali li huwa jitlob l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kontra dak li ghamel dik il-vjolazzjoni, meta huwa stess isib ruhu fl-istess kondizzjoni, ghaliex da parti tieghu hemm vjolazzjoni ohra tal-kuntratt. Barra minn dan hemm il-kompensazzjoni ta' vjolazzjoni ma' ohra" ("**Celestino Muscat -vs- Giovanni Attard et**", Appell Civili, 3 ta' Gunju, 1938)*".

Fil-kuntest ta' klawsoli penali, intqal li min jobbliga ruhu taht penali li josserva l-obbligi minnu assunti, hu obbligat ihallas dik il-penali jekk ma jippruvax hu illi kien hemm xi raguni li tezentah minn dik il-penali (ara **Callus et. v. Farrugia** deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Gunju, 1959 u **Spiteri noe. v. Sammut et.**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju, 2003). Il-konvenut qed jibbaza r-"raguni" ghan-nuqqas ta' hlas tal-penali fuq il-fatt li s-socjeta` attrici ma onoratx il-ftehim ta' bejniethom.

Ikkunsidrati issa l-ilmenti, partikolarment dak principali dwar konsenja ta' materjal "skadenti", din il-Qorti tosserva li l-konvenut, fil-fatt, zamm il-materjal allegatament difettuz immagazzinat ghandu u qatt ma offra – u wisq anqas ma rritorna – l-istess lis-socjeta` attrici. Lanqas ma kkawtela l-pozizzjoni tieghu billi jiddepozita l-oggetti in kwistjoni taht l-awtorita` tal-Qorti u jressaq talba gudizzjarja f'dan ir-rigward fil-konfront tas-socjeta` attrici. Il-konvenut ressaq bhala xhud *ex parte* perit li ezamina l-materjal u ccertifika d-difetti fl-istess. Pero`, kif tajjeb osservat is-socjeta` attrici, hareg mill-provi li l-konvenut kien xtara materjal identiku ghal dak ipprovdut mis-socjeta` attrici minghand terzi u anke pproduca hu stess prodott simili, u mmagazzina l-istess fil-*warehouse* tieghu waqt l-operazzjoni tal-kuntratt. Meta l-perit tal-konvenut xehed in kontro-ezami dan ma setghax jikkonferma li l-merkanzija li ezamina kienet dik tas-socjeta` attrici mibghuta lill-konvenut waqt l-operazzjoni tal-kuntratt, u lanqas ma gie eskluz li l-allegati danni fuq il-merkanzija kienu frott ta' xi att negligenti da parti tal-konvenut jew terzi <u>wara</u> l-konsenji. Din il-mankanza fil-prova relattiva, aggunta man-nuqqas tal-konvenut li jiehu passi gudizzjarji dwar l-allegati difetti mal-wasla tal-konsenji, twassal lill-Qorti li ma taccettax dan l-ilment bhala pruvat. Din il-Qorti tara illi kieku kien veru li l-materjal kien "skadenti", il-konvenut ma kienx jibqa' jordna merkanzija minghand is-socjeta` attrici. Kieku veru li din kienet ir-raguni ghala ma wettaqx l-obbligi tieghu taht il-ftehim, huwa zgur kien jiehu l-passi kollha neccessarji u opportuni sabiex, <u>fi zmien utili</u>, jikkawtela l-interessi tieghu mas-socjeta` attrici.

Ghar-rigward tal-prezzijiet, hu veru li r-rapprezentanta tas-socjeta` attrici, ikkonfermat li kien hemm epoka fejn ikkwotat lill-konvenut prezzijiet zbaljati, pero` hekk kif giet infurmata bl-izball, hadet hsieb li tirregola l-posizzjoni. Ghall-bqija, il-prezzijiet mitluba kienu skond il-ftehim, u ghalkemm il-konvenut ilmenta li dawn kienu ghola mill-prezzijiet ta' kompetituri tas-socjeta` attrici, jibqa' l-fatt li kienu skond dak li gie patwit, u l-konvenut messu qabbel il-prezzijiet ta' diversi ditti qabel ma accetta li jidhol fil-ftehim mas-socjeta` attrici.

Fil-kuntest tal-ilment dwar tardivita` ta' konsenji partikolari, hawn ukoll il-konvenut qatt ma ressaq ilment fir-rigward fi zmien utili. Is-socjeta` attrici stqarret, permezz tar-rapprezentanta taghha, li "non ci furono mai problemi di consegna tardiva", u fil-fatt il-konvenut qajjem din il-kwistjoni meta, eventwalment iddecieda li jittermina l-ftehim li kellu mas-socjeta` attrici.

Inoltre, il-konvenut ma ressaqx provi dokumentarji jew ufficcjali biex isostni l-argument tieghu li l-merkanzija kienet tasal tard. Prova konsistenti fid-dokument li turi l-ordni u bl-inkartament tal-iskarikazzjoni tal-merkanzija f'Malta kienet tkun facli li ssir. Barra minn dan, meta l-konvenut xehed u qal li l-merkanzija kienet tasallu tard, zied ighid: "devo precisare comunque che questa consegna tardiva non e` che mi creava problemi perche` il mio magazzino era sempre pieno". Ma jidhirx, ghalhekk, li f'kull kaz hemm proporzjonalita` bejn dan in-nuqqas u n-nuqqas tal-konvenut li jaghmel ordnijiet sal-valur miftiehem, proporzjonalita` li hi mehtiega biex tirnexxi l-eccezzjoni *inadempleti contractus* (ara **Ax Construction Ltd. v. Mallia Bonello**, deciza minn din il-Qorti (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru, 2005, u **Herrera noe v. Debattista et noe**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' April, 2008).

Kwindi, din il-Qorti tara li l-konvenut naqas li jiggustifika n-nuqqas tieghu li jaghmel ordnijiet sal-valur stipulat, u allura ghandu jhallas il-penali patwita.

Il-konvenut, fi stadju ta' appell, issottometta li skond il-ligi (Artikolu 1120 tal-Kodici Civili) il-penali hija kumpens tal-hsara li jbati l-kreditur minhabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni principali, izda f'dan il-kaz is-socjeta` attrici ma wrietx li sofriet xi "hsara" minhabba n-nuqqas tieghu. Din, pero`, mhix sottomissjoni valida. Kif osservat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Farrugia v. Rizzo noe.**, deciza fis-17 ta' Marzu, 2004,
"*Kif ulterjorment spjegat bl-akkoljiment tat-taghlim tal-Giorgi ("Obligazzjoni", Vol. IV pagni 566-67, para. 452) "La clausola penale se non libera il creditore dalla prova della colpa, lo libera, peraltro, dalla prova del danno e*

*costituisce, pertanto, una presunzione 'juris et de jure' che un danno ci sia ed in quella misura che e` stata pattuita …". (Kollez. Vol.XXVI PII p 72).*"

Fl-ahhar nett, il-konvenut issottometta li l-penali iffissata mill-ewwel Qorti kellha tkun ferm anqas. It-tnaqqis tal-penali meta d-debitur ikun wettaq parti mill-obbligazzjoni hija mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti (ara **Invicta Ltd. v. Asa Group Co, Ltd.**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Jannar, 2006). Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, tara l-ewwel Qorti qieset sew ic-cirkostanzi tal-kaz, u taqbel mal-mod kif waslet biex tiffissa penali ridotta li ghandu jhallas il-konvenut.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' din it-tieni istanza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------